Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13317/20

SPORT 43
SAN 421
JEUN 126
SOC 751
EDUC 423
SUSTDEV 164
ENV 738
EMPL 533
MIGR 158
GENDER 143
TOUR 28

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 12844/20 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni transsettorjali għall-benefiċċju tal-isport u l-attività fiżika fis-soċjetà |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni transsettorjali għall-benefiċċju tal-isport u l-attività fiżika fis-soċjetà approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fis-27 ta' Novembru 2020.

Dawn il-konklużjonijiet ser jintbagħtu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, kif deċiż mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-18 ta' Novembru 2020.

ANNESS

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill**
**dwar**
**il-promozzjoni tal-kooperazzjoni transsettorjali għall-benefiċċju tal-isport u l-attività fiżika fis-soċjetà**

**IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL**

**FILWAQT LI JFAKKRU LI**

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa[1] tirrakkomanda fost affarijiet oħra li l-Istati Membri jaħdmu lejn politiki effettivi tal-HEPA[2] billi jiżviluppaw approċċ transsettorjali li jinvolvi oqsma ta' politika li jinkludu l-isport, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ambjent u t-trasport, kif ukoll setturi rilevanti oħrajn u skont l-ispeċifiċitajiet nazzjonali[3].

2. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal jappellaw lill-Istati Membri biex jikkunsidraw li jimplimentaw politiki transettorjali, bis-setturi tal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u s-saħħa fost l-oħrajn, biex jiġu promossi attivitajiet fiżiċi u ħiliet motorji fit-tfulija bikrija[4].

---

[1] Ir-referenzi kollha msemmija f'dan id-dokument huma elenkati fl-Anness.
[2] Attività fiżika favur is-saħħa
[3] Ara r-rakkomandazzjoni 1
[4] Ara l-paragrafu 13

3. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà jenfasizzaw il-ħtieġa li tiżdied dimensjoni internazzjonali u transsettorjali għall-edukazzjoni tal-ikkowċjar billi jiġu integrati eżempji tajba u metodi ta' ħidma utli mill-ħidma fost iż-żgħażagħ bħal tagħlim mhux formali u informali, il-ħidma ma' persuni bi bżonnijiet speċjali u l-intraprenditorija[5].

4. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2018 dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tiegħu jistiednu lill-Istati Membri jappoġġaw u jxerrdu l-idea li r-rappreżentazzjoni tad-dimensjoni ekonomika tal-isport tiġi estiża bl-inklużjoni ta' aspetti soċjoekonomiċi, speċjalment il-volontarjat, l-aspetti ekonomiċi fuq is-saħħa u l-innovazzjoni, fil-livell Ewropew u dak nazzjonali u billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni transsettorjali[6].

5. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2020 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-kowċis biż-żieda ta' opportunitajiet għall-kisba ta' ħiliet u kompetenzi jistiednu lill-moviment sportiv biex isaħħaħ, f'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet rilevanti fil-livell tal-UE, il-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, il-kooperazzjoni transettorjali sabiex jiġu applikati ideat u metodi ġodda fil-ħidma ta' kuljum, u jinvolvu s-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-kowċis[7].

6. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2020 dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru tas-settur tal-isport jappellaw lill-Istati Membri biex jippromwovu kooperazzjoni u konsultazzjonijiet transettorjali f'oqsma li huma rilevanti għall-isport fil-livelli kollha, inkluż mal-moviment sportiv, il-qasam tan-negozju relatat mal-isport u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi li s-settur sportiv qed jiffaċċa minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-isport fis-soċjetà[8].

[5] Ara l-paragrafu 14 h)
[6] Ara l-paragrafu 23
[7] Ara l-paragrafu 40
[8] Ara l-paragrafu 25

7. Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2017-2020 jirrikonoxxi li l-isport jaqdi rwol pożittiv fil-kooperazzjoni transsettorjali fil-livell tal-UE u b'hekk jgħin biex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli u biex jiġu trattati b'mod xieraq l-isfidi soċjoekonomiċi ġenerali u dawk relatati mas-sigurtà li tħabbat wiċċha magħhom l-UE[9].

8. Il-Karta Ewropea tal-Isport tal-Kunsill tal-Ewropa tissottolinja l-importanza ta' koordinazzjoni bejn oqsma ta' politika differenti biex jiġi żgurat li l-isport ikun parti integrali mill-iżvilupp soċjokulturali[10].

9. L-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli tħaddan ir-rwol tal-isport bħala faċilitatur importanti għall-iżvilupp sostenibbli, u l-kontribut dejjem jikber tiegħu għall-objettivi tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, fost oħrajn[11].

**FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI**

10. L-isport u l-attività fiżika, meta jiġu pprattikati b'mod responsabbli u jkunu aġġustati għall-karatteristiċi ta' kull persuna, jippromwovu s-saħħa u l-benesseri tal-persuni tal-ġenerazzjonijiet kollha, filwaqt li fl-istess ħin jgħinu jnaqqsu l-piż fuq is-sistema tas-saħħa[12].

11. Il-prattika tal-isport fil-komunità, speċjalment fil-klabbs sportivi, tista' ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali u l-parteċipazzjoni soċjali u b'hekk tippromwovi l-integrazzjoni u l-inklużjoni.

12. Ix-xogħol volontarju fil-qasam tal-isport jipprovdi l-opportunità li jinkisbu ħiliet addizzjonali u li jingħata kontribut attiv għall-iżvilupp tal-komunitajiet lokali.

13. Fil-qasam tat-trasport, l-attività fiżika fil-forma tal-mixi u ċ-ċikliżmu hija parti importanti mill-ħarsien tal-ambjent u tal-klima.

---

[9] Ara l-paragrafu 5

[10] Ara l-Artikolu 13(1)

[11] Ara b'mod partikolari l-paragrafu 37

[12] L-ispiża tan-nuqqas ta' attività fiżika fl-UE hija stmata li tammonta għal EUR 84 biljun (Link: https://ec.europa.eu/jrc/en/science-update/european-public-health-week-jrc-publishes-overview-physical-activity)

**FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW LI**

14. Skont stħarriġ statistiku reċenti, qed tidher it-tendenza li l-proporzjon ta' persuni li jieħdu sehem fi sport jew f'attività fiżika qed jistaġna jew anki jonqos f'diversi Stati Membri[13].

15. Barra minn hekk, jidher li l-organizzazzjonijiet sportivi qed ikollhom diffikultajiet dejjem akbar biex jattiraw lin-nies għal xogħol volontarju, speċjalment għal impenji volontarji fit-tul**,** fi klabbs sportivi.

16. Il-pandemija tal-COVID-19, u l-miżuri u r-restrizzjonijiet sussegwenti stabbiliti biex jipprevjenu t-tixrid tal-virus, fil-biċċa l-kbira tagħhom affettwaw il-prattika tal-isport u l-attività fiżika, speċjalment fir-rigward tal-isport kollettiv u organizzat fiċ-ċentri sportivi.

**FILWAQT LI JENFASIZZAW LI**

17. L-isport u l-attività fiżika jirrappreżentaw aktar minn attività ta' divertiment għall-individwu. Minħabba l-impatti pożittivi tagħhom,[14] hemm interess pubbliku fil-promozzjoni tal-isport u tal-attività fiżika fost iċ-ċittadini kollha.

18. Il-kundizzjonijiet lokali għandhom influwenza konsiderevoli fuq id-deċiżjoni ta' individwu li jsegwi stil ta' ħajja attiv u tajjeb għas-saħħa, kif ukoll li jinvolvi ruħu f'xogħol volontarju fl-isport. L-aċċess affordabbli u faċli għall-isport, kif ukoll għall-faċilitajiet sportivi u l-ispazji pubbliċi li jinkoraġġixxu l-attività fiżika f'ambjent sikur, huma partikolarment importanti. L-istess japplika għal infrastruttura tat-trasport sostenibbli u ppjanar urban li jkun adattat għall-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet ta' sikurezza tal-persuni mexjin fit-triq u taċ-ċiklisti.

19. Kundizzjonijiet lokali bħal dawn itejbu l-kwalità ġenerali tal-ħajja f'muniċipalità jew f'reġjun, u għaldaqstant itejbu wkoll il-kompetittività u l-attraenza tiegħu. L-effetti pożittivi għalhekk imorru lil hinn mill-qasam tal-isport u tal-attività fiżika.

---

[13] Ewrobarometru Speċjali 472, Sport u Attività Fiżika, Marzu 2018 (Link: https://data.europa.eu/euodp/en/data/dataset/S2164_88_4_472_ENG)

[14] Ara per eżempju l-paragrafi 10 – 13

20. L-isport u l-attività fiżika għandhom diversi rabtiet ma' setturi ta' politika oħra bħall-edukazzjoni, is-saħħa, iż-żgħażagħ, l-affarijiet soċjali, l-infrastruttura, l-ispazju pubbliku (jiġifieri l-parks), l-iżvilupp urban u rurali, it-trasport, l-ambjent, ir-riċerka, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-kultura, l-ekonomija, l-impjiegi, it-turiżmu u l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż l-istrumenti ta' finanzjament rispettivi tagħhom.

21. Il-kooperazzjoni transsettorjali jista' jkollha rwol importanti biex toħloq jew tottimizza l-kundizzjonijiet għal stil ta' ħajja attiv u tajjeb għas-saħħa, u għalhekk biex tattiva l-potenzjal soċjali pożittiv tal-isport u l-attività fiżika, kif ukoll biex tistimula l-innovazzjoni u d-dimensjoni ekonomika tal-isport. Azzjonijiet ikkoordinati f'diversi livelli jistgħu jkunu aktar effettivi minn interventi mwettqa b'mod iżolat.

22. Bl-involviment tas-settur tal-isport, il-kooperazzjoni transsettorjali tista’ tespandi l-impatt pożittiv li l-isport u l-attività fiżika jista’ jkollhom fuq setturi ta' politika oħra[15].

23. Filwaqt li jsegwu l-miri tagħhom stess, l-atturi differenti tas-settur tal-isport[16] jistgħu jagħtu kontribut importanti lis-suċċess tal-kooperazzjoni transsettorjali u lill-kisba tal-miri politiċi ġenerali fil-livelli rispettivi[17].

24. Is-suċċess fit-tul ta' din il-kooperazzjoni transsettorjali jiddependi b'mod partikolari fuq il-promozzjoni u l-appoġġ tal-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi u amministrattivi, u għalhekk finalment fuq il-benefiċċju reċiproku għall-partijiet ikkonċernati kollha involuti u l-objettivi tal-politika settorjali tagħhom.

---

[15] Ara pereżempju l-paragrafi 10 - 13

[16] Ara d-definizzjoni fl-Anness

[17] Pereżempju, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni ta' klabbs sportivi lokali mal-iskejjel (pereżempju gruppi sportivi jiġu offruti waranofsinhar) tista' twassal biex il-klabbs sportivi jiksbu aktar membri.

**JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI U FILWAQT LI JQISU L-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX**

25. Jiżviluppaw u jissorveljaw, fejn ikun xieraq, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, strateġiji reċiproċi b'diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet biex tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-isport u fl-attività fiżika fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila, u f'dan ir-rigward jagħtu attenzjoni partikolari lill-kooperazzjoni transsettorjali.

26. Jidentifikaw, fejn ikun xieraq, fil-livelli kollha, dawk l-oqsma ta' politika u amministrattivi li huma rilevanti għall-isport u l-attività fiżika, u jinkoraġġixxu lill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet settorjali biex iqisu aktar il-benefiċċji li l-isport u l-attività fiżika jistgħu jiġġeneraw fil-politiki rispettivi tagħhom.

27. Jippromwovu u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni transsettorjali fit-tul fuq livelli differenti, fost oħrajn permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u jiffaċilitawha u jappoġġawha permezz ta' miżuri xierqa.

28. Jinvolvu, fejn xieraq, lill-partijiet ikkonċernati kollha mis-settur tal-isport, speċjalment il-moviment sportiv, fil-kooperazzjoni transsettorjali.

29. Jinformaw lill-partijiet ikkonċernati dwar il-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE biex jappoġġaw proġetti transsettorjali relatati mal-isport u l-attività fiżika u/jew jużaw dawn il-programmi kif xieraq.[18]

[18] Pereżempju, il-Programm Erasmus+, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, jew il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali

**JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX**

30. Tippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali għall-benefiċċju tal-isport, l-attività fiżika u l-koeżjoni soċjali permezz ta' inizjattivi adatti[19] u tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward, bl-involviment tan-network tal-punti fokali dwar l-HEPA, kif ikun xieraq[20].

31. Torganizza laqgħat mar-rappreżentanti tas-settur tal-isport u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tiżviluppa, tiddokumenta u tissorvelja l-għanijiet u l-istrateġiji kondiviżi fil-livell Ewropew, sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-isport u fl-attività fiżika fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila, u f'dan ir-rigward tingħata attenzjoni partikolari lill-kooperazzjoni transsettorjali.

32. Tikkunsidra li tappoġġa l-approċċ transsettorjali għall-promozzjoni ta' proġetti relatati mal-isport u l-attività fiżika fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE.

33. Tinforma lill-Istati Membri, lill-moviment tal-isport u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar il-programmi ta' finanzjament u l-inizjattivi rilevanti tal-UE li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw proġetti transsettorjali relatati mal-isport u l-attività fiżika u jippromwovu stil ta' ħajja li hu tajjeb għas-saħħa.

34. Tidentifika dawk l-oqsma ta' politika u amministrattivi fil-livell tal-UE li huma rilevanti għall-isport u l-attività fiżika, u tinkoraġġixxi kunsiderazzjoni akbar tal-impatt pożittiv tal-isport u l-attività fiżika fl-ippjanar u fil-programmi ta' setturi ta' politika oħrajn u fil-kisba tal-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-UE.

35. Tikkontribwixxi għal għarfien aħjar tas-settur, eż. billi tipprovdi studji u analiżi li jappoġġaw l-impatt pożittiv tal-isport u l-attività fiżika, inkluż il-benefiċċji finanzjarji li l-isport u l-attività fiżika jista' jkollhom fuq setturi oħra.

19 Inizjattivi bħal dawn jistgħu jkunu l-Ġimgħa Ewropea tal-Isport, il-Forum tal-UE dwar l-Isport, is-Sejħa ta' Tartu għal Stil ta' Ħajja Tajjeb għas-Saħħa kif ukoll l-inizjattiva SHARE.

20 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni tal-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa fis-setturi kollha, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni 3

**JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV U LIL PARTIJIET IKKONĊERNATI OĦRA BIEX**

36. Jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fl-iżvilupp ta' strateġiji biex tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-isport u fl-attività fiżika.

37. Jikkunsidraw isiru parti minn inizjattiva ta' kooperazzjoni transsettorjali fil-livelli kollha **sabiex** jippromwovu r-rwol importanti li l-isport u l-attività fiżika jista' jkollhom fi stil ta' ħajja san, fl-iżvilupp personali u soċjali, fil-koeżjoni soċjali u fl-inklużjoni soċjali.

***Referenzi***

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa (ĠU C 354, 4.12.2013, p. 1)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 9)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà (ĠU C 423, 9.12.2017, p. 6)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2018 dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tiegħu (ĠU C 449, 13.12.2018, p. 1)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2020 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-kowċis biż-żieda ta' opportunitajiet għall-kisba ta' ħiliet u kompetenzi (ĠU C 196, 11.6.2020, p. 1)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2020 dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru tas-settur tal-isport (ĠU CI 214, 29.6.2020, p. 1)
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2017 - 31 ta' Diċembru 2020) (ĠU C 189, 15.6.2017, p. 3)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (92) 13 REV tal-Kumitat tal-Ministri għall-Istati Membri dwar Karta Ewropea riveduta tal-Isport
- Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (Riżoluzzjoni tal-AĠNU A/RES/70/1 tal-25 ta' Settembru 2015)

***Definizzjoni***

Għall-fini ta' dawn il-Konklużjonijiet, is-"settur tal-isport" jikkonsisti minn federazzjonijiet sportivi, klabbs sportivi u partijiet ikkonċernati oħra li jiffukaw fuq attivitajiet relatati mal-isport, kif ukoll awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi relatati mal-isport f'diversi livelli.